MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1044/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Martin Vella (ID732360M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbatax-il lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm214.69), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21691775 (AT/3062/86 a/c10015289), liema servizz gie nstallat fil-fond Plot 29, Tal-Pleir, H/E, Zabbar, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness u mmarkat Dok.A u Dok.B u kuntratt relattiv mmarkat Dok.C.**

**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Semgha x-xhieda tal-konvenut.**

**Ikkunsidra :**

**Illi skond il-konvenut hu kien qal lis-socjeta` attrici biex jaqtghu il-linja msemmija, pero` l-linja ma tnehhitx. Il-konvenut jghid li nehha t-telefon billi qalghu minn mal-linja f'Jannar, 2002. Il-konvenut ma kellux rcevuti biex juri li fil-fatt effettwa il-pagament. Lanqas ma jirrizulta li l-linja effettivament tnehhiet. Ghalhekk il-hlas jirrizulta dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbatax-il lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm214.69) bl-imghax legali dekoribbli mil-lum, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------